MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 68/2009

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Maria Tiziana Mizzi Balabanov**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin ewro u erba' centezmi (€488.04c) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma' client contract number 365861 in konnessjoni ma' servizzi rezi ghax-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 30 ta' Ottubru, 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenuta kienet giet legalment notifikata, hija baqghet ma pprezentat ebda kontestazzjoni ghat-talba attrici. Sema' lill-PL Peter Paul Sammut jixhed bil-gurament fejn ikkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum. Ha nota illi l-konvenuta ghalkemm imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx .

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u tmienja u tmenin ewro u erba' centezmi (€488.04c). Bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Ottubru, 2008 u bl-ispejjez kollha kif mitluba ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------